# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.

Illum, il-Hamis, 3 ta' Mejju, 2001.

Kawza Nru. 20.
Citazz. Nru. 1390/00 JRM

**L-Avukat Anton REFALO bhala mandatarju tal-imsiefra Miriam mart Teddy FARRUGIA**

**vs**

**Id-DIRETTUR tar-REGISTRU PUBBLIKU**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni mressaq fis-6 ta' Lulju, 2000, li bih l-attur *nomine* ppremetta:

Illi l-att taz-zwieg tieghu nomine, liema att taz-zwieg kien registrat fir-Registru Pubbliku tal-Belt Valletta bin-numru tlett mija u wiehed u sittin (361) tas-sena elf disa' mija u tlieta u disghin (1993) huwa zbaljat taht l-ewwel kolonna u dana peress illi l-kunjom ta' Miriam mart Teddy Farrugia, qabel iz-zwieg kien "ZAHRA" u mhux "FARRUGIA";

Illi l-attur nomine irrid jipprocedi sabiex jikkorregi dana l-att taz-zwieg hawn fuq imsemmi u dana bil-mod kif hawn fuq spjegat;

Ghalhekk l-attur nomine talab lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tordna l-korrezzjoni tal-att taz-zwieg hawn fuq imsemmi bin-numru progressiv ta' tlett mija u wiehed u sittin (361) tas-sena elf disa' mija u tlieta u disghin (1993) fis-sens illi fl-ewwel kolonna taht l-intestatura "Isem u Kunjom", jigi kkancellat il-kunjom "FARRUGIA" u minflok jidhol il-kunjom "ZAHRA";

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-istess konvenut nomine ghas-subizzjoni li ghaliha min issa huwa mharrek;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attur *nomine* flimkien mal-erba' (4) dokumenti mehmuzin maghha;

Rat in-Nota tal-konvenut imressqa fid-29 t'Awissu, 2000 li biha eccepixxa:

1. Illi huwa mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghal provi migbura u ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-att tat-twelid numru 578/1963 mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-esponent li ghalhekk m'ghandux ibati spejjez;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-konvenut;

Semghet ix-xhieda tal-attur nomine u rat il-provi dokumentali mressqin minnu waqt is-smigh tal-kawza;

Semghet lill-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Avviz pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern ghall-finijiet tal-artikolu 254 tal-Kodici Civili, ghal liema avviz ma tressqet l-ebda kontestazzjoni fiz-zmien stabilit mil-ligi;

Rat id-Degriet taghha tat-13 ta' Marzu, 2000 li bih halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza;

## *Ikkunsidrat:*

Illi din il-kawza saret biex isir bdil fl-Att taz-Zwieg tal-attrici, fejn jirrigwarda kunjom xbubitha, billi dan qieghed imnizzel hazin;

Illi mill-imsemmi Att taz-Zwieg [Dok "A" f'pagna 6 tal-process] jirrisulta li z-zwieg bejn l-attrici u zewgha Teddy Farrugia sehh fl-4 ta' Gunju, 1992, fil-Belt ta' New York, fl-Istati Uniti tal-Amerika. L-istess zwieg gie registrat f'Malta fis-16 t'April, 1993, fl-Att li tieghu qieghed jintalab il-bdil imsemmi fic-Citazzjoni fuq kopja fotostatika tac-certifikat tar-registrazzjoni taz-zwieg presentat mill-attrici innifisha;

Illi, minbarra dan, jidher li l-attrici u Teddy Farrugia, qabel ma zzewgu civilment fl-Istati Uniti, kienu iccelebraw zwieg Kanoniku fil-forma religjuza fil-Knisja Parrokkjali taz-Zebbug, Ghawdex, fit-tnejn (2) t'April, tal-1989 [ara Dok "B" f'pagna 7 tal-process];

Illi tressqu wkoll estratti ufficjali tal-Att taz-Zwieg tal- genituri tal-attrici [Dok "AR2" f'pagna 23 tal-process] u tat-twelid tal-

istess attrici [Dok "AR1" f'pagna 22}, li minnhom jidher car li kunjom missier l-attrici u kunjom l-istess attrici qabel ma zzewget kien Zahra u mhux Farrugia;

## *Ikkunsidrat:*

Illi l-bidla f'Atti ta' Stat Civili hija mahsuba mil-ligi kemm ghall-beneficcju tal-persuna koncernata, u kif ukoll fl- interess tat-terzi, u huwa f'dawn il-limiti li l-legislatur ried li l-Qorti tqis talbet ghat-tiswija jew annotazzjonijiet f'atti bhal dawn;

Illi, madankollu, minhabba li l-bdil fl-Atti ta' Stat Civili jolqot ukoll lil terzi persuni, il-Qrati taghna fissru li ghalkemm il-ligi ma tqisx iz-zieda jew il-bdil ta' kunjom l-attur bhala zball, ma tistax tinjora ghal kollox talba bhal din, specjalment fejn il-kunjom ikun inbidel taht xi sistema jew ordinament guridiku iehor. F'dan il-kaz, ukoll fl-interess tat-terzi, il-Qrati laqghu talbiet ghal annotazzjonijiet fl- imsemmija atti bil-hsieb li jirriflettu bidliet bhal dawn [ara sentenza tal-**31 t'Ottubru, 1930**, fil-kawza fl-ismijiet *McLean gia Abdillah vs Cremona nomine* (Kollez. Vol: **XXVII.ii.305**)];

Illi, ghalhekk, talba ghal bdil fil-kunjom ghandha izjed tirnexxi meta jkun jidher car mill-atti u provi dokumentali mressqin li hija frott ta' zball;

Illi, skond l-artikolu 627 (f) tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili ta' Malta, certifikati mahrugin mill-Ufficcju tar-Registru Pubbliku huma prova ammissibbli bla htiega li tingieb prova ohra dwar l-awtenticita' taghhom. F'dan il-kaz, id-dokumenti li juru l-att taz-zwieg tal-genituri tal-attrici u l-att tat-twelid innifsu tal-attrici, ma jhallu l-ebda dubju dwar kemm hija misthoqqa t-talba taghha;

Illi, mill-provi mressqa, ma rrisultax jekk l-izball fit-traskrizzjoni ta' kunjom xbubit l-attrici fl-Att taz-Zwieg mertu tal-kaz sehhx minhabba taghrif li kien hemm imnizzel fil-kopja tac-certifikat tar-registrazzjoni taz-zwieg mahrug mill-Iskrivan tal-Belt ta' New

York, jew inkella kienx zball tal-konvenut. Il-kopja tal-imsemmi certifikat ma gietx esebita fl-atti ta' din il-kawza. Minbarra dan, billi kienet l-attrici nnifisha li hadet il-kopja tac-certifikat lid-Direttur ghar-registrazzjoni, kellha d-dmir tara li t-taghrif imnizzel fic-Certifikat taz-Zwieg taghha jkun sewwa;

Illi, ghalhekk, fin-nuqqas ta' prova f'dan ir-rigward u fid-dawl tad-dikjarazzjoni maghmula mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fuq l-Att innifsu, ma jistax jinghad b'certezza li l-konvenut jahti ghall-izball li sar;

Illi, min-naha tieghu, il-konvenut ma ressaqx opposizzjoni ghat-talba, anzi jidher li fl-eccezzjonijiet tieghu irrefera ghal att ta' stat civili li m'huwiex dak li qeghda tintalab it-tiswija tieghu;

Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li l-Qorti ghadha kemm ghamlet, hija tqis li t-talba attrici jisthoqqilha tigi milqugha;

Ghalhekk, il-Qorti qeghda tiddeciedi din il-kawza billi:

**Tilqa' t-talba attrici**, billi tiddikjara li fl-Att taz-Zwieg tal-attrici numru 361 tal-1993, taht il-kolonna "Isem u kunjom" relattiv ghall-Mara, hemm zball billi l-kelma "Farrugia" ghandha tkun "Zahra"; u

Ghalhekk tordna li ssir il bidla tal-imsemmi atti kif imfisser f'din is-sentenza;

Tordna wkoll, ghall-finijiet tal-artikolu 256 tal-Kodici Civili, li l-konvenut jigi notifikat b'kopja vera ta' din is-sentenza u li, fiz-zmien imsemmi min dak l-artikolu, jaghmel it-tiswija ordnata biss-sahha ta' din is-sentenza fl-imsemmi Att taz-Zwieg; u

Billi ma ntweriex li l-konvenut jahti ghall-izball indikat, tordna li l-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-attur *nomine*.

## Moqrija.

*3 ta' Mejju, 2001.*

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**3 ta' Mejju, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**3 ta' Mejju, 2001.**